# QORTI CIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ġimgħa**
**Ħamsa u għoxrin (25) ta’ Settembru 2020**

**Rikors Numru 698/15 FDP**

Fl-ismijiet

**Dr. AM Hassan ElShanti [Passaport Libjan Numru - C2G39NK9] in rappreżentanza ta' United Aviation Company SpA, magħrufa wkoll bħala United Aviation Company, soċjeta’ estera reġistrata ġewwa l-Libja u li għandha n-numru tar-reġistrazzjoni numru 65991, u bl-indirizz Mittiga International Airport, PO Box 91637, Tripoli**

**Vs**

**Shaker Own, li b'digriet ta' l-1 ta' Lulju 2015 ġie nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lil kumpanija ossia Awtorita’ estera Executive Authority for Air Cargo and Special Flights magħrufa wkoll bħala Executive Authority for Special Flight**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 17 ta’ Lulju 2015, li permezz tiegħu ir-rikorrent talab is-segwenti:

    i. *Illi s-soċjeta’ rikorrenti United Aviation Company SpA, magħrufa wkoll bħala United Aviation Company, li hija soċjeta’ reġistrata ġewwa l-Libja b'responsabilita' limitata, hija proprjetarja esklussiva ta' numru ta’ inġenji ta' l-ajru , fosthom żewġ inġenji tal-ajru li jinstabu hawn Malta, ossia ajruplan bin-numru ta' reġistrazzjoni 5A-UAB tal-marka Bombardier Inc. Global 5000 bin-numru tas-serje MSN9285, u ajruplan bin-numru ta' reġistrazzjoni 5A-UAC tal-marka Bombardier Inc. Global 5000 bin-numru tas-serje MSN 9257;*

    ii. *Illi l-intimat noe qiegħed jivvanta dritt ta' proprjetà fuq l-imsemmija żewġ inġenji tal-ajru proprjeta’ tas-soċjeta’ rikorrenti, u abbużivament u mingħajr ebda jedd, approprja l-imsemmija inġenji tal-ajru u dana mingħajr l-awtorizazzjoni tas-soċjeta’ rikorrenti;*

iii. *Illi, in kawtela tal-pretensjonijiet tagħha, is-soċjeta' rikorrenti talbet u ottjeniet l-ispedizzjoni ta' Mandat ta' Arrest ta' inġenji tal-Ajru Numru 1043/15 fir-rigward tal-ajruplan bil-marka tar-reġistrazzjoni 5A-UAB u Mandat ta' Arrest ta' Inġenji tal-Ajru ieħor Numru 1044/15 [Dok A1 u Dok A2] fir-rigward tal-ajruplan bil-marka ta' reġistrazzjoni 5A-UAC, liema żewġ ajruplani jinstabu hawn Malta;*

iv. *Illi s-soċjeta' rikorrenti għandha interess li tiġi dikjarata u konfermata proprjetarja tal-imsemmija żewġ ajruplani, li jinstabu hawn Malta u soġġetti għall-Mandat ta' arrest ta' inġenji ta' l-Ajru hawn fuq deskritti, u li tiġi mqiegħda fil-pussess tal-istess;*

v. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

*Jgħid għalhekk l-intimat noe, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi, għaliex m'għandhiex din il-Qorti tiddeċiedi billi:-*

1. *Tiddikjara illi s-soċjeta' rikorrenti hija proprjetarja esklussiva taż- żewġ inġenji tal-ajru ossia ajruplan bin-numru ta' reġistrazzjoni 5A-UAB tal-marka Bombardier Inc. Global 5000, bin-numru tas-serje MSN9285 u ajruplan bin-numru ta' reġistrazzjoni 5A-UAC tal-marka Bombardier Inc. Global 5000, bin-numru tas-serje MSN 9257 li jinstabu hawn Malta;*

2. *Tiddikjara li l-intimat noe m'għandu ebda dritt ta' proprjeta' jew dritt ieħor kwalsiasi fuq l-istess inġenji tal-ajru fuq imsemmija;*

3. *Tiddikjara illi l-intimat noe ma għandu ebda dritt fil-liġi illi jżomm il-pussess tal-imsemmija inġenji tal-ajru u konsegwentement tikkundanna lill-intimat noe sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu hekk prefiss, jgħaddi l-pussess effettiv u materjali tal-imsemmija inġenji tal-ajru, okkorrendo taħt superviżjoni adegwata u li tordna u tawtorizza, in mankanza ta' esekuzzjoni volontarja da parte tal-intimat noe, illi s-soċjeta' rikorrenti tiġi awtorizzata illi tieħu l-pussess effettiv u materjali tal-imsemmija ajruplani, taħt superviżjoni adegwata.*

*B'riżerva għal kull azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjeta' rikorrenti, inkluż dik għad-danni u tgawdija b'mod illeċitu u illegali da parti tal-intimat noe tal-proprjeta' tas-soċjeta' rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-mandati ta' arrest ta' inġenji tal-ajru Numri 1043/15 u 1044/15 kontra l-intimat noe li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fis-27 ta' Awissu 2005, Shaker Own, bħala Kuratur Deputat nominat biex jirrappreżenta lill-kumpannija ossija awtorita' estera Executive Authority for Air Cargo and Special Flights, magħrufa wkoll bħala Executive Authority for Special Flight, u dana b'digriet tal-1 ta' Lulju 2015, ippreżenta r-risposta tiegħu fejn laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*1. Preliminarjament in-nuqqas ta' kompetenza ta' dina 1-Onorabbli Qorti tenut kont il-fatt li l-azzjoni promossa mill-attur nomine ma hijiex ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta għad illi l-partijiet huma t-tnejn ta' nazzjonalita' Libika. Oltre dan l-azzjoni promossa mill-attur nomine ma hijiex azzjoni* ***"in rem"*** *iżda azzjoni* ***"in personam"*** *għad illi ma saritx kontra l-inġenji tal-ajru iżda kontra 1-awtorita' estera* ***Executive Authority for Special Flight.*** *Artikolu 742E tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili - Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li l-Qrati ta' Malta għandhom biss ġurisdizzjoni* ***in rem*** *kontra l-inġenji tal-arju fil-każ ta' pretensjoni għas-sjieda jew it-titolu għal jew ta' inġenji tal-ajru jew għas-sjieda ta' xi sehem fl-istess inġenji tal-ajru.*

*2. Preliminarjament ukoll iżda mingħajr preġudizzju għas-suespost l-irritwalita' u konsegwentement n-nullita' tal-azzjoni promossa mis-soċjeta' United Aviation Company SpA u li qiegħda tissejjaħ ukoll United Aviation Company billi din l-istess soċjeta' ma għandhiex* ***locus standi*** *u għalhekk ma setgħetx u ma tistax tippromwovi azzjoni għad illi*

*din is-soċjeta' ġiet xolta b'dikriet maħruġ mill-Gvern leġittimu u legalment rikonoxxut tal-Libja kif sejjer jiġi ppruvat waqt is-smigħ tal-kawża.*

3. *Preliminarjament ukoll iżda mingħajr preġudizzju għas-suespost l-irritwalita' u konsegwentement n-nullita' tal-azzjoni promossa mis-soċjeta' xolta United Aviation Company SpA billi hija nieqsa l-prova dwar l-awtentiċita' tar-Risoluzzjoni tas-soċjeta' xolta* ***United Aviation Company Spa*** *li permezz tagħha Dr. Ali ElShanti ġie maħtur rappreżentant speċjali ta' l-imsemmija soċjeta' xolta u dwar kemm u kif ic-Chairman firmatarju ta' l-istess Riżoluzzjoni għandu l-poter jew l-awtorizazzjoni skont l-istatut tas-soċjeta' xolta United Aviation Company SpA sabiex jaħtar rappreżentant ġudizzjarju u jiddelega lilu poteri marbuta mal-kawża odjerna.*

4. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost dak allegat mis-soċjeta' xolta United Aviation Company SpA rigward l-proprjeta' tal-inġenji ta' ajru bin-numri ta' reġistrazzjoni 5A-UAB u 5A-UAC u rispettivament bin-numri tas-serje 9285 u 925, it-tnejn tal-marka Bombardier Global 5000 huwa totalment u assolutament falz u dan għas-segwenti raġunijiet:*

a. *preliminarjament għaliex id-dokumenti li fuqhom qiegħda tistrieħ u tibbaża l-pretensjoni tagħha s-soċjeta' xolta United Aviation Company SpA huma kollha dokumenti nieqsa mil-awtentiċita' legalment rikjesta, huma dokumenti maħruġa minn Gvern, Ministeru u/jew Awtorita' li ma għadhomx il-leġittimita' li jieħdu deċiżjonijiet li legalment jorbtu lill-Gvern Leġittimu Libiku u dak li huwa Internazzjonalment rikonoxxut u huma dokumenti b'opinjonijiet, konstatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet* ***ex parte*** *u li ma jinsabux ibbażati u fondati fuq fatti li jsibu xi riskontru serju jew oġġettiv; u*

b. *għaliex il-proprjeta' assoluta u esklussiva tal-imsemmija inġenji ta' l-ajru tinsab vestita fl-awtorita' estera magħrufa bħala* ***Executive Authority for Special Flight,*** *l-awtorita konvenuta fil-proċeduri odjerni. Dan joħroġ minn dokumenti maħruġa mill-Gvern leġittimu u legalment rikonoxxut Libjan u/jew minn Ministeri u Awtoritajiet li jiffurmaw parti mill-istess Gvern leġittimu u legalment rikonoxxut Libjan. Barra minnhekk kif aċċettat u rikonoxxut mis-soċjeta' xolta United Aviation Company SpA fir-rikors ġuramentat tagħha, l-imsemmija inġenji kienu u għadhom fil-pussess tal-istess awtorita' estera magħrufa bħala* ***Executive Authority for Special Flight*** *anke jekk illum dawn l-inġenji ta' l-ajru jinsabu kolpiti b'Mandati ta' Arrest ta' Inġenji tal-Ajru spediti fuq talba tas-soċjeta' xolta United Aviation Company SpA.*

*Għall-imsemmija raġunijiet it-tabliet tas-soċjeta' xolta kif dedotti fir-rikors ġuramentat tagħha għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' xolta United Aviation Company SpA.*

3. Rat illi fis-17 ta' Novembru 2016, ġie ippreżentat kopja ta' ftehim milħuq ġewwa Tripoli, Libya bejn Khalil T El Gammudi bħala General Manager tal-Awtorita' intimata Executive Authority for Special Flight u Idris Ateia Kashker bħala Chairman tas-soċjeta' rikorrenti United Aviation, liema ftehim ġie approvat mill-President tal-Presidential Council of the Government of National Accord, Fayze al-Sarraj – fol 116.

4. Rat ix-xhieda ta' Helga Mizzi, Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta, mogħtija fis-26 ta' Jannar 2017.

5. Rat ix-xhieda ta' Khalil T El Gammudi mogħtija fl-14 ta' Diċembru 2017.

6. Rat ix-xhieda ta' Idris Ateia Kashker mogħtija fl-14 ta' Diċembru 2017.

7. Rat ix-xhieda ta' Waloed Abdul Rahman Mohammed, rappreżentant tal-Ministeru tal-Ġustizzja tal-Gvern Libyan, mogħtija fl-14 ta' Diċembru 2017.

8. Rat ix-xhieda ta' Shaker Own mogħtija fis-16 ta' Jannar 2018 u fid-19 ta' Ġunju 2018.

9. Rat illi dina l-Qorti, kif ippresjeduta, ħadet konjizzjoni tal-atti fit-8 ta' Ottubru 2019.

10. Semgħet ix-xhieda ta' l-Eċċellenza Tiegħu l-Ambaxxatur għall-Government of National Accord of Libya, Saadun Ismael Suayeh, mogħtija fl-14 ta' Novembru 2019.

11. Rat illi fid-19 ta' Ġunju 2020 deher Dr John Refalo illi esebixxa 'Power of Attorney' maħruġa mis-Supreme Judicial Council of the State of Libya fl-4 ta' Ġunju 2020, illi fiha l-istess Dr John Refalo, flimkien mal-Professur Ian Refalo, Dr Gabrielle Scicluna, Dr Sarah Grech u Dr Jacqueline Borg ġew appuntati bħala "sole legitimate representatives of the State of Libya and the Executive Authority for Air Cargo and Special Flights" fil-Qrati Maltin in konnessjoni, fost affarjiet oħra, mal-kawża odjerna. (fol 283)

12. Rat illi fis-26 ta' Ġunju 2020, Dr John Refalo, bis-saħħa tal-prokura fuq imsemmija, assuma l-atti tas-soċjeta' intimata Executive Authority for Air Cargo and Special Flights flok Shaker Own. (fol 285)

13. Rat illi fis-26 ta' Ġunju 2020, Dr John Refalo ippreżenta nota illi biha "jirtira l-eċċezzjonijiet ippreżentati preċedentement mill-kuraturi u dan mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-Awtorita' intimata qiegħda tikkontesta bħala invalidi l-ħatra tal-kuratur preċendenti. (fol 288)

14. Rat illi fis-7 ta' Lulju 2020, saret it-trattazzjoni finali tal-abbli difensuri tal-partijiet, wara liema trattazzjoni l-kawza tħalliet għas-sentenza għal-lum.

## Ikkunsidrat

15. Il-kawża odjerna tirrigwarda żewġt ajruplani, ossija ajruplan bin-numru ta' reġistrazzjoni 5A-UAB u ajruplan bin-numru ta' reġistrazzjoni 5A-UAC, lkoll tal-marka Bombardier Inc Global 5000.

16. Jirriżulta illi l-kwistjoni kollha pendenti quddiem dina l-Qorti hija riżultat tal-gwerra ċivili illi hemm ġewwa l-Libya u li wasslet għal deċiżjonijet meħuda minn gvernijiet differenti fuq l-istess entita' u li eventwalment wasslu għal diverbju dwar min huwa attwalment is-sid tal-ajruplani fuq imsemmija.

17. Jirriżulta, di fatti, illi l-Kuratur Deputat Shaker Own jisħaq illi huwa għadu il-General Director tal-Awtorita' Intimata Executive Authority for Air Cargo and Special Flights, għal liema kariga huwa kien ġie appuntat mill-Parlament Libjan ġewwa Tobrouk. (fol 176)

18. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi Khalil T El Gammudi deher quddiem il-Qorti u kkonferma illi huwa attwalment ic-Chairman tal-Awtorita' Intimata Executive Authority for Air Cargo and Special Flights, għal liema karika huwa ġie appuntat mill-Presidential Council of the National Accord Government ġewwa Tripoli, liema kariga kien jokkupa qabel Shaker Own (fol 131).

19. Jirriżulta illi, skond ix-xhieda tad-Direttur Ġenerali tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' Malta, Ms Helga Mizzi, il-Gvern rikonoxxut mill-Gvern Malti u minn Nazzjonijiet Uniti huwa il-National Accord Government li huwa stabbilit ġewwa l-Libja u li huwa mmexxi mill-Prim Ministru Fayze al-Sarraj (fol 124).

20. Jirriżulta illi, skond ix-xhieda tal-Ambaxxatur tal-Gvern Libjan ġewwa Malta, l-Eċċellenza Tiegħu Saadun Ismale Suayeh, il-Gvern Libjan, ossija il-Government of National Accord stabbilit ġewwa Tripoli, fis-16 ta' Novembru 2016 ikkonferma ftehim bejn is-soċjeta' rikorrenti United Aviation Company w il-kumpannija intimata Executive Authority for Air Cargo and Special Flights fejn is-soċjeta' intimata kkonfermat illi l-ajruplani bin-numru ta' reġistrazzjoni 5A-UAB u ajruplan bin-numru ta' reġistrazzjoni 5A-UAC, lkoll tal-marka Bombardier Inc Global 5000, huma proprjeta' tas-soċjeta' rikorrenti United Aviation Company u, bħala riżultat, il-kawżi kollha pendenti kellhom jiġu tranzatti – fatt illi attwalment qatt ma seħħ!

21. Jirriżulta illi dana il-ftehim jgħid kif ġej: (fol 121)

> *The Executive Authority for Air Cargo and Special Flights also known as the Executive Authority for Special Flight (hereinafter referred to as "the Executive Authority) hereby makes reference to the lawsuit pending before the Civil Court First Hall, Malta in the names "Dr Al Hassan Elshanti in representation of United Aviation Spa, also known as United Aviation Company, a foreign company registered in Libya, number of registration 65991, with address at Mittiga International airport, PO Box 91637 vs Shaker Own, who by decree dated 1st July 2015 was nominated as curator to represent the foreign company or authority Executive Authority for Air Cargo and Special Flights known also as the Executive Authority for Special Flight" application number 698/2015 SM adjourned for the 21st June 2016 (hereinafter referred to as "the Lawsuit") wherein the plaintiff company United Aviation (hereinafter referred to as "UAC") is claiming the ownership of two aircraft currently situated in Malta, one bearing registration numbers 5A-UAB being a Bombardier Inc. Global 5000 serial number MSN9285 and the other bearing registration number 5A-UAC being a Bombardier Inc. Global 5000 serial number MSN 9257 (hereinafter referred to as "the Aircraft") and the Executive Authority filed a note of contestation claiming amongst other things that the Aircraft belong to the Executive Authority and not to UAC (hereinafter referred to as "the Note of Contestation"), and hereby undertakes and declares that it is instructing its representative to withdraw immediately the Note of Contestation and all contestations to the Lawsuit, to recognize the ownership of the Aircraft as appertaining and belonging solely and exclusively to UAC, to withdraw all contestations to any preliminary warrants, including warrants for maintenance filed by UAC in respect of the Aircraft, with each party bearing its costs and the costs of its lawyers and to sign all necessary documents and applications which may be necessary in respect thereof. The Executive Authority undertakes and confirms that it has no claims whatsoever against UAC in respect of the Lawuit and the Aircraft.*

22. Jirriżulta illi s-soċjeta' intimata, fis-26 ta' Ġunju 2020, irtirat l-eċċezzjonijiet kollha illi hija kienet għamlet preċendetement, u ma ressqet ebda eċċezzjonijiet formali w uffiċjali oħra.

23. Jirriżulta, fl-atti tal-proċeduri odjerni, illi hemm ftehim iffirmat bejn il-partijiet u debitament rikonoxxjut mill-Presidential Council of the National Accord Government gewwa Tripoli, illi huwa l-Gvern Libjan rikonoxxjut mill-Gvern Malti kif ukoll minn Nazzjonijet Uniti.

24. Jirriżulta illi, abbażi ta’ tali ftehim datat 16 ta’ Novembru 2016, kif ukoll abbażi tal-fatt illi l-awtorita’ intimata rtirat l-eċċezzjonijet kollha u ma ressqet ebda eċċezzjonijet oħra, il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex ma għandhiex tipproċedi biex tilqa’ t-talbiet tas-soċjeta’ rikorrenti, kif dedotti.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet ix-xhieda,

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa’** t-talba kif dedotti u għalhekk;

**Tiddikjara** illi s-soċjeta’ rikorrenti United Aviation Company SpA hija proprjetarja esklussiva taż-żewġ inġenji tal-ajru ossia ajruplan bin-numru ta' reġistrazzjoni 5A-UAB tal-marka Bombardier Inc. Global 5000, bin-numru tas-serje MSN9285 u ajruplan bin-numru ta' reġistrazzjoni 5A-UAC tal-marka Bombardier Inc. Global 5000, bin-numru tas-serje MSN 9257 li jinstabu hawn Malta;

**Tiddikjara** li l-awtorita’ intimata Executive Authority for Air Cargo and Special Flights ma għandha ebda dritt ta' proprjeta' jew dritt ieħor kwalsiasi fuq l-istess inġenji tal-ajru fuq imsemmija;

**Tiddikjara** illi l-awtorita’ intimata ma għandha ebda dritt fil-liġi illi żżomm il-pussess tal-imsemmija inġenji tal-ajru u konsegwentement,

**Tikkundanna** lill-Awtorita’ intimata sabiex fi żmien sebat ijiem mil-lum, jgħaddi l-pussess effettiv u materjali tal-imsemmija inġenji tal-ajru,

**Tordna** u **Tawtorizza** lis-soċjeta’ rikorrenti United Aviation Company sabiex, in mankanza ta' eżekuzzjoni volontarja da parte tal-awtorita’ intimata, wara trapass tal-perjodu fuq stabbilit, tieħu l-pussess effettiv u materjali tal-imsemmija ajruplani.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni jkunu a kariku ta’ l-intimati in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**